



Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8873/25

**AUDIO 41  
CULT 51  
TELECOM 139  
PI 88  
SOC 277  
EMPL 175  
DIGIT 87  
RECH 206  
EDUC 148  
CONSOM 82  
DATAPROTECT 89**

#### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ģeneralit tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-qafas legali għas-servizzi tal-media awdoviżiva u s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing

---

Id-delegazzjonijiet isibū mehmuż il-Konklużjonijiet imsemmija hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħi tat-13 ta' Mejju 2025.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-qafas legali għas-servizzi tal-media awdjoviżiva u s-servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Filwaqt li jfakkar fid-dokumenti ta' referenza li jinsabu fl-Anness<sup>1</sup>,

JIRRIKONOXXI LI:

1. Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD)<sup>2</sup> hija l-att legali ewljeni li jirregola s-suq tal-media awdjoviżiva tal-UE. Wara l-emenda tagħha fl-2018, kopriet ukoll servizzi ta' pjattaforma ta' video-sharing (servizzi VSP) u stabbiliet il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA), korp kwalifikat magħmul mir-rappreżentanti tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.
2. L-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA)<sup>3</sup> ukoll jissottolinja r-rwl uniku tas-servizzi tal-media. L-EMFA jistabbilixxi l-Bord Ewropew għas-Servizzi tal-Media (il-"Bord"), li jissostitwixxi u jissuċċedi lill-ERGA, u għandu l-kompli li jippromwovi l-applikazzjoni konsistenti u effettiva tal-AVMSD u l-EMFA. L-EMFA jfakkar ukoll fil-fatt li l-protezzjoni tal-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media huma tnejn mill-pilastri ewlenin tad-demokrazija.

---

<sup>1</sup> L-Anness jelenka dokumenti marbuta mal-kwistjonijiet rilevanti.

<sup>2</sup> Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrativa fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1) u d-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrativa fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69–92).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) (ĠU L 1083, 17.04.2024).

3. Iċ-ċarezza legali kif ukoll regoli sempliċi u koerenti huma importanti għall-fornituri kollha tas-servizzi tal-media awdjoviżiva (AVMS) u għall-fornituri tal-pjattaformi ta' video-sharing (VSP). Ir-relazzjoni bejn l-AVMSD u atti legali rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Att dwar is-Servizzi Dijitali (DSA)<sup>4</sup> u d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku (ECD)<sup>5</sup> għandha tkun ċara. Filwaqt li d-DSA u l-ECD stabbilew regoli orizzontali għall-attivitajiet ta' fornituri ta' servizzi intermedjarji online, l-AVMSD tagħti regoli settorjali speċifiċi għall-kontenut u għandha tibqa' l-qafas legali ewljeni tar-regolamentazzjoni awdjoviżiva sabiex tissalvagħwardja u tippromwovi l-iż-żvilupp ulterjuri ta' suq tal-media awdjoviżiva tal-UE li jkun kompetittiv, affidabbli, sikur, ġust u varjat kif ukoll kontenut awdjoviżiv Ewropew indipendenti, affidabbli u b'diversità kulturali.
4. Is-suq tal-media awdjoviżiva, id-drawwiet tal-konsum u l-qafas legali ġenerali tal-UE qed jevolvu l-ħin kollu. Skont l-Artikolu 33 tal-AVMSD, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill evalwazzjoni *ex post* tal-impatt ta' din id-Direttiva u l-valur miżjud tagħha, u magħha, fejn xieraq, proposti għar-reviżjoni tagħha.
5. B'dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill għandu l-intenzjoni jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal dawn it-tnejn:
  - a) ir-rilevanza tal-AVMSD fl-intier tagħha u l-kapaċità tagħha, bħala direttiva tas-suq intern, li tipprovd bilanċ bejn iż-żamma tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u r-rispett tal-kompetenza tal-Istati Membri li jiżviluppaw politiki ta' kultura skont it-Trattati u ligiċċi oħra tal-Unjoni, minn naħħa, u l-ilħuq ta' objettivi oħra tal-UE, fosthom il-funzjonament tajjeb tas-suq intern bil-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini, fost affarijiet oħra, min-naħħa l-oħra;
  - b) ċerti oqsma li b'mod konġunt jitqiesu importanti u li fost l-oħrajn għandhom jiġu analizzati fil-fond mill-Kummissjoni fil-proċedura ta' evalwazzjoni.

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Dijitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Dijitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

<sup>5</sup> Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16).

Għad fadal ukoll ċerti suġġetti indikati mill-Istati Membri, u għalhekk dawn il-konklużjonijiet ma għandhomx jitqiesu li qed jistipulaw lista eżawrjenti ta' oqsma li l-Kunsill iqis li jeħtieġ evalwazzjoni. L-għan tal-Kunsill huwa li jiftaħ diskussjoni bbażata fuq il-fatti dwar xi aspetti tal-qafas tal-media awdjoviżiva, mingħajr ma jillimita dik id-diskussjoni jew jantiċipa kwalunkwe negozjati futuri possibbli dwar l-AVMSD.

## **KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA**

FILWAQT LI JQIS LI:

6. Huwa ta' importanza kbira li l-kamp ta' applikazzjoni tal-AVMSD jibqa' adattabbli hekk kif is-suq awdjoviżiv ikompli jevolvi. Il-kamp ta' applikazzjoni għandu jkun wiesa' u ċar biżżejjed biex ikopri t-tipi rilevanti kollha ta' kontenut u servizzi tal-media awdjoviżiva offruti fis-suq intern, irrispettivament mill-mezz ta' distribuzzjoni tagħhom. Ġew innutati xi inċertezzi fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' forom li qed jiżviluppaw ta' attivitajiet awdjoviżivi online<sup>6</sup>.
7. Il-premessa 3 tal-AVMSD<sup>7</sup> iċċarat li l-kanali, jew kwalunkwe servizz awdjoviżiv ieħor taħt ir-responsabbiltà editorjali ta' fornitur, jistgħu jikkostitwixxu servizzi tal-media awdjoviżiva fihom infushom, anke jekk jiġu offruti fuq il-VSPs. Xi utenti tas-servizzi tal-VSP, (spiss imsejħa b'termini bħal "influenzaturi" jew "ħallieqa professionali tal-kontenut"<sup>8</sup>), issa huma atturi stabbiliti sew tas-suq tal-media awdjoviżiva li għandhom impatt importanti fuq is-suq u l-opinjoni pubblika. Is-servizzi tagħhom spiss jintużaw mit-tfal u ż-żgħażaq. Madankollu, ġew irrappurtati xi inkonsistenzi madwar is-suq intern fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' dawn l-atturi bħala fornituri tal-AVMS.<sup>9</sup>

---

<sup>6</sup> Kif imsemmi fil-paragrafu 8.

<sup>7</sup> ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69–92.

<sup>8</sup> Fil-prattika jintużaw ukoll termini oħra. Ara: Analysis and recommendations concerning the regulation of vloggers, Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2021, p. 3.

<sup>9</sup> [Mapping report on the rules applicable to video-sharing platforms Focus on commercial communications](#), OAE 2022, Tabella 14. Obbligi dwar (v)blogs u (v)bloggjar, p. 34-37; [Learning from the practical experiences of NRAs in the regulation of vloggers](#), Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2023, p. 15; Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE "Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva" kif emendata mid-Direttiva (UE) 2018/1808, għall-perjodu 2019-2022 (SWD (2024) 4 final), p. 4.

## JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

8. Tanalizza jekk id-definizzjonijiet tal-AVMSD ikoprux is-servizzi rilevanti kollha li jipprovdu kontenut tal-media awdjoviżiva, u tivvaluta, abbażi tal-analiżi, il-ħtieġa potenzjali għal kjarifiki, waqt li tqis l-għanijiet u l-valuri ewlenin tal-AVMSD, inkluż livell ġholi ta' protezzjoni tat-telespettaturi, speċjalment il-minorenni, kundizzjonijiet ekwi kif ukoll il-ħtieġa għall-proporzjonalità. Dan jinkludi l-valutazzjoni tal-ħtieġa għal kjarifika ulterjuri li gruppi speċifiċi ta' ħallieqa tal-kontenut fuq il-VSPs (spiss imsejħa b'termini bħal "influwenzaturi" jew "ħallieqa professjonal tal-kontenut") huma koperti mill-AVMSD.

## **PROTEZZJONI TAL-MINORENNI**

### FILWAQT LI JQIS LI:

9. L-AVMSD tistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat livell ġħoli ta' protezzjoni tal-minorenni fuq servizzi awdjoviżivi linearji u mhux linearji, kif ukoll fuq il-VSPs. Tippermetti wkoll lill-Istati Membri jintroduċu regoli aktar dettaljati jew aktar stretti, dment li jkunu kompatibbli mal-liġi applikabbi tal-Unjoni.
10. Id-DSA jistabbilixxi qafas regolatorju armonizzat u orizzontali applikabbi għas-servizzi intermedjarji online, inkluż is-servizzi tal-VSP. Dan jirrikjedi li l-fornituri tal-pjattaformi online jieħdu miżuri xierqa u proporzjonati biex jipproteġu lill-minorenni u jirrikjedi li l-fornituri ta' pjattaformi online kbar ħafna (VLOP) u ta' magni tat-tiftix online kbar ħafna (VLOSE) jid-identifikaw, janalizzaw u jivvalutaw b'mod diliġenti r-riskji sistemiċi li jirriżultaw mit-tfassil jew mill-funzjonament tas-servizz tagħhom. L-AVMSD iġġib valur addizzjonali billi tipprovdi regoli speċifiċi li jaapplikaw għad-daqsijiet kollha tal-fornituri li jiddeterminaw liema kontenut awdjoviżiv – kemm kontenut editorjali kif ukoll komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva – jista' jkun ta' ħsara għall-minorenni.
11. In-natura internazzjonal tal-aktar servizzi użati u mifruxa tal-AVMS u tal-VSP fuq talba tqajjem sfidi regolatorji li jridu jiġu indirizzati bl-użu tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni previsti skont id-dritt tal-Unjoni.

## JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

12. Teżamina, fid-dawl tar-realtajiet tas-suq li qed jevolvu u d-drawwiet tal-konsum li qed jinbidlu, jekk ir-regoli eżistenti għadhomx jiżguraw b'mod adegwat livell għoli ta' protezzjoni tal-minorenni minn kontenut potenzjalment ta' īxsara jew mhux xieraq li jista' jgħarraq 1-iżvilupp fiżiku, mentali jew morali tagħhom f'servizzi li jipprovdu kontenut awdjoviżiv – kemm kontenut editorjali kif ukoll komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva – fl-Istati Membri kollha, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi għall-atturi rilevanti kollha fis-suq awdjoviżiv, filwaqt li titqies in-natura tas-servizzi.
13. Tanalizza l-interazzjoni bejn ir-regoli tal-AVMSD u dawk tad-DSA, sabiex teżamina l-koerenza u è-ċarezza tal-applikazzjoni tagħhom għall-kontenut awdjoviżiv fir-rigward tal-protezzjoni tal-minorenni, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni fuq il-VSPs.

## JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

14. Jidħlu f'kooperazzjoni transfruntiera aktar mill-qrib u aktar effettiva, fil-kamp ta' applikazzjoni eżistenti tal-AVMSD, dwar il-protezzjoni tal-minorenni, b'mod partikolari billi jżidu l-kapaċità tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) u ta' awtoritajiet kompetenti oħra li jittrattaw b'mod effettiv il-ksur identifikat fil-każ tal-AVMS u n-nuqqas ta' applikazzjoni tal-miżuri fil-każ tas-servizzi tal-VSP. Dan huwa rilevanti speċjalment għas-servizzi mmirati lejn udjenzi wiesgħa fi Stati Membri oħra tal-UE, sabiex tiġi żgurata protezzjoni fil-pront u effettiva.
15. Jippromwovu djalogu u kooperazzjoni ma' entitajiet mhux governattivi u ma' riċerkaturi sabiex jiġbru għarfien u prattiki tajba dwar il-protezzjoni effettiva tal-minorenni u jippromwovu l-media proattiva u inizjattivi ta' litteriżmu fil-films imfassla għall-minorenni.

## **OBBLIGI TAL-FORNITURI TA' PJATTAFORMI TA' VIDEO-SHARING**

FILWAQT LI JQIS LI:

16. Il-kontenut awdjoviżiv huwa element importanti, attraenti u ħaj ħafna ta' ambjent diġitali. L-attraenza tal-kontenut awdjoviżiv għamlet lill-fornituri tal-VSP atturi prominenti fis-suq tal-media awdjoviżiva, mingħajr l-obbligi bħalma għandhom il-fornituri tal-AVMS. Żieda fil-fornituri tal-VSP twassal għal kompetizzjoni aktar akuta għat-telespettaturi u l-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva, u toħloq sfidi akbar għall-fornituri tal-AVMS.
17. L-iżvilupp tas-servizzi tal-VSP ġab miegħu opportunitajiet ġodda għall-individwi f'termini ta' libertà tal-espressjoni u aċċess għall-informazzjoni. Madankollu, fl-istess ī ħin dan l-iżvilupp rapidu wassal għal riskji sinifikanti għall-utenti tal-VSP u għas-soċjetà kollha kemm hi.
18. Filwaqt li l-fornituri tal-VSP, kif definiti mill-AVMSD, ma għandhomx responsabbiltà editorjali għall-kontenut aċċessibbli fuq is-servizzi tagħhom<sup>10</sup>, huma għandhom influwenza deċiżiva fuq l-għażla u l-organizzazzjoni, il-preżentazzjoni u l-viżibbiltà ta' dak il-kontenut, li pereżempju jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-formazzjoni tal-opinjoni pubblika. Minħabba l-influwenza tagħhom, huma għandhom responsabbiltà importanti fir-rigward tal-protezzjoni tal-pubbliku f'dan l-ambjent.

---

<sup>10</sup> Sakemm ma jkunux ikklassifikati wkoll bħala fornituri tal-AVMS.

## JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

19. Tevalwa s-soluzzjonijiet eżistenti pprovduti mill-AVMSD, filwaqt li tqis ir-regoli rilevanti tal-UE bħal dawk stabbilit fid-DSA, u l-applikazzjoni tagħhom għal pjattaformi online li huma wkoll servizzi tal-VSP; u tivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet attwali tal-AVMSD dwar is-servizzi tal-VSP humiex biżżejjed biex jipproteġu lill-pubbliku ġenerali minn īxsara u riskji oħra għas-soċjetà li jirriżultaw minn kontenut awdjoviżiv disponibbli fuq il-VSPs, u tippromwovi kundizzjonijiet ekwi, fost l-oħrajn fil-qasam tal-komunikazzjoni kummerċjali awdjoviżiva.
20. Tanalizza l-ħtieġa għal bidliet, waqt li tqis il-ħtieġa għaċ-ċarezza legali, il-koerenza regolatorja u l-valur miżjud previsti mir-regoli tal-AVMSD dwar is-servizzi tal-VSP, kif ukoll il-ħtieġa potenzjali għas-simplifikazzjoni tar-regoli applikabbi għall-pjattaformi online.

## **MIŻURI U POLITIKI B'APPOĠġ GĦAS-SERVIZZI U L-KONTENUT TAL-MEDIA AWDJOVIŻIVA**

### FILWAQT LI JQIS LI:

21. Il-problema dejjem akbar tat-tixrid tad-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI) għadha waħda mill-akbar sfidi li d-demokraziji Ewropej jeħtieġ li jindirizzaw. Għalkemm il-media tradizzjonal, u speċjalment il-media tas-servizz pubbliku, huma meqjusa miċ-ċittadini tal-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej bħala sors affidabbli ta' informazzjoni, l-iżvilupp dinamiku tat-teknoloġija, ir-rwol dejjem akbar tal-pjattaformi dinjija online, inkluż il-media soċjali, u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali li qed jikber bil-ħeffa, biddlu d-drawwiet tal-konsumaturi u qed iħallu impatt profond fuq is-suq tal-media.

22. Il-pjattaformi dinjija online jistgħu jservu ta' portal għall-kontenut tal-media, b'mudelli ta' negozju li għandhom it-tendenza li jeliminaw l-intermedji fl-aċċess għas-servizzi tal-media, u l-użu tagħhom jista' jirriżulta f'kontenut polarizzanti u l-amplifikazzjoni tad-diżinformazzjoni.
23. Ir-reklami huma sors importanti ħafna ta' finanzjament għall-mezzi tal-media u s-servizzi tal-media awdjoviżiva. Madankollu, l-importanza dejjem tikber tal-pjattaformi online u tas-servizzi tal-VSP fost l-udjenzi, speċjalment fost il-ġenerazzjonijiet żgħażaq, wasslet għal tnaqqis fid-dħul mir-reklami għall-media tradizzjonali, u b'mod partikolari għas-servizzi tal-media awdjoviżiva. Kundizzjonijiet ekwi jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat li l-fornituri tas-servizzi tal-media jimmonetizzaw biżżejjed il-kontenut tagħhom fil-kuntest tat-tranżizzjoni diġitali.
24. Billi l-mudell tal-konsum tal-kontenut qed jinbidel malajr u minħabba l-ħtieġa li jiġu ppreservati u mrawma l-pluraliżmu tal-media u d-diversità kulturali, l-AVMSD tfakkar fil-possibbiltà li l-Istati Membri jieħdu xi miżuri biex jippromwovu kontenut ta' interess ġenerali (prominenza tal-AVMS ta' interess ġenerali fl-Artikolu 7a tal-AVMSD) taħt ċerti kundizzjonijiet u f'konformità mad-dritt tal-UE.
25. Il-miżuri ta' prominenza jistgħu jkunu utli fit-tiġħiħ tal-aċċess għall-media pluralistika fix-xenarju awdjoviżiv online u fil-promozzjoni ta' aktar kundizzjonijiet ekwi bejn il-fornituri tal-AVMS u l-VSPs, kif ukoll l-iżviluppaturi u l-manifatturi ta' apparati u interfaċċi, li jistgħu jaġixxu bħala gwardjani għall-aċċess għall-kontenut u s-servizzi tal-media permezz tas-sistemi tagħhom stess ta' rakkmandazzjonijiet u interfaċċi. Barra minn hekk, il-viżibbiltà tal-kontenut, prodott f'konformità mal-istandardi ġurnalistiċi, tista' tkun għoddha effettiva fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-FIMI.
26. Minħabba atti legali oħra tal-UE, naqset iċ-ċarezza tad-dispożizzjonijiet attwali tal-AVMSD dwar sa liema punt l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet dwar il-prominenza fir-rigward ta' impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra.

## JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

27. Jivvalutaw, meta applikabbi, l-effettività tal-miżuri nazzjonali għall-promozzjoni tal-kontenut ta' interess ġenerali, fost l-oħrajn billi jqisu r-rilevanza tal-iżvilupp ta' reġimi ta' prominenza nazzjonali effettivi mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-media tas-servizzi tal-media rilevanti u b'rispett sħiħ tagħha, inkluż l-indipendenza tagħhom, u f'konformità mad-dritt tal-UE.
28. Jappoġġaw inizjattivi ta' awtoregolamentazzjoni u ta' koregolamentazzjoni meħuda minn organizzazzjonijiet rilevanti u mezzi tal-media li l-objettivi primarji tagħhom huma li jiġġieldu d-diżinformazzjoni u l-FIMI.
29. Jappoġġaw strutturalment lill-fornituri tas-servizzi tal-media li jforġġu kontenut prodott skont l-standards ġurnalistiċi u jsaħħu l-pluraliżmu tal-media billi jintroduċu politiki għall-fornituri tas-servizzi tal-media li japplikaw standards ġurnalistiċi professjonali, sabiex jgħinu jżidu l-ammont ta' kontenut siewi fl-AVMS u fuq l-VSPs mingħajr ma jikkompromettu l-indipendenza tagħhom.
30. Ikomplu bl-isforzi tagħhom biex jippromwov u jappoġġaw il-litteriżmu fil-media li jagħti setgħa liċ-ċittadini jużaw il-media b'mod effettiv u sikur.

## JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

31. Waqt li tqis il-legat tal-ERGA fil-monitoraġġ tal-konformità tal-firmatarji mal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni, u minħabba l-oqsma l-għoddha ta' kompetenza tal-Bord maħluq mill-EMFA, iżżomm kuntatt regolari mal-Istati Membri dwar l-eżiti tad-djalogu strutturat bejn il-fornituri tal-VLOPs (partikolarment dawk definiti bħala servizzi ta' VSP), mar-rappreżentanti tal-fornituri tas-servizzi tal-media u ma' partijiet oħra kkonċernati importanti, speċjalment fir-rigward tal-konformità mal-inizjattivi ta' awtoregolamentazzjoni mmirati lejn il-protezzjoni tal-utenti minn kontenut ta' ħsara, inkluż l-inizjattivi mmirati biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni.

32. Timmappja r-restrizzjonijiet attwali u l-esperjenzi fl-iżgurar ta' prominenza xierqa f'kuntest transfruntier tal-media diġitali u tivvaluta l-interazzjonijiet tar-regoli ta' prominenza mad-dritt tal-UE u teżamina kif l-iskemi ta' prominenza jistgħu jindirizzaw b'mod effettiv is-servizzi rilevanti, fosthom is-servizzi fil-ġuriżdizzjoni ta' Stati Membri oħra<sup>11</sup> u fkonformità mad-dritt tal-UE.
33. Timmonitorja l-impatt tar-regoli attwali fuq is-sostenibbiltà tal-media Ewropea fl-ekosistema diġitali u fuq kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-suq tal-media awdjoviżiva, speċifikament fil-qasam tar-reklamar.
34. Waqt li tqis il-ħtieġa li l-Istati Membri jsaħħu strutturalment u jappoġġaw lill-fornituri tas-servizzi tal-media, ikomplu jiffaċilitaw l-effett tal-għajnuna pubblika bħala mezz influenti permezz ta' rieżami tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, inkluż, fejn xieraq, ir-Regolament Ġeneral ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER) dwar l-għajnuna mill-Istat.

### **AĊĊESSIBILITÀ TA' AVVENIMENTI TA' IMPORTANZA KBIRA GĦAS-SOĊJETÀ**

FILWAQT LI JQIS LI:

35. L-Artikolu 14 tal-AVMSD, li jirregola avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà, ikopri biss ix-xandara. Madankollu, l-avvenimenti sportivi ma għadhomx distribwiti u kkunsmati biss permezz ta' servizzi tal-media awdjoviżiva linear. Id-disponibbiltà tagħhom qiegħda dejjem tiżdied permezz ta' servizzi oħra, b'aċċess ristrett u bi ħlas. Fil-fatt, parti kbira mill-pubbliku nazzjonali tista' tīgi mċaħħda minn aċċess bla ħlas għal dawn l-avvenimenti, li huma ta' importanza soċjali u kulturali partikolari.

---

<sup>11</sup> Skont ir-Report on the implementation and cross-border enforcement of the European legal framework for digital and audiovisual media services (is-Sottogrupp 4 tal-ERGA, 2024, p. 2), l-infurzar bejn pajjiżi differenti tal-prominenza tas-servizzi ta' interessa ġenerali kien diffiċċi

## JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

36. Tanalizza l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tad-distribuzzjoni ta' avvenimenti ta' importanza kbira għas-soċjetà u tevalwa jekk il-kamp ta' applikazzjoni suġġettiv tal-Artikolu 14 tal-AVMSD għadux rilevanti għas-salvagwardja tal-aċċess wiesa' għal dawn l-avvenimenti.

## **SITWAZZJONIJIET U KOOPERAZZJONI TRANSFRUNTERIA**

### FILWAQT LI JQIS LI:

37. Il-proċeduri ta' kooperazzjoni bilaterali wrew, bl-aktar mod prominenti jkun permezz tal-Memorandum ta' Qbil tal-ERGA, li huma għodod importanti u effettivi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet transfruntiera u, minn naħħa waħda, ippermettew li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn il-libertà li jitwasslu s-servizzi u, min-naħħa l-oħra, is-salvagwardja ta' valuri ewlenin oħra fis-suq awdjobiżiv Ewropew. Il-kooperazzjoni multilaterali permezz tal-Bord (preċedentement ERGA) u permezz tal-Kumitat ta' Kuntatt hija wkoll għoddha siewja biex jiġu indirizzati l-isfidi transfruntiera. Barra minn hekk, l-Artikolu 14 tal-EMFA jgħib soluzzjonijiet ġodda biex tissaħħa aktar il-kooperazzjoni tar-regolaturi tal-media strutturata bħal din fis-suq intern, filwaqt li jagħti rwol prominenti lill-Bord fil-promozzjoni tal-implementazzjoni konsistenti tal-AVMSD madwar l-Unjoni.
38. Madankollu xi kwistjonijiet spċifici fid-dispożizzjonijiet eżistenti tal-AVMSD<sup>12</sup>, prinċipalment fl-Artikolu 2(4) moqrī mal-Artikolu 3, kienu identifikati mill-ERGA u indikati mill-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta' każijiet li jinvolvu l-AVMS b'oriġini fpajjiżi terzi.

---

<sup>12</sup> Report on the implementation and cross-border enforcement of the European legal framework for digital and audiovisual media services (Sottogrupp 4 tal-ERGA, 2024, pp. 5, 14-17); [The practical application and future of cross-border enforcement of media law](#) (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2023, p. 8).

39. Kienu nnutati wkoll xi problemi marbuta mal-infurzar transfruntier fl-ambjent online<sup>13</sup>. L-Artikolu 15 tal-EMFA jipprevedi mekkaniżmu ddedikat ġdid għar-regolaturi tal-media li ġħandu l-ġhan li jiffaċilita l-infurzar transfruntier effettiv tal-obbligi tal-AVMSD għall-fornituri tal-VSP. Id-dispożizzjoni l-ġdida mistennija tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' dawn il-problemi.

#### JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

40. Timmonitorja l-applikazzjoni u l-effettività tal-ġħodod il-ġodda ta' kooperazzjoni previsti mill-EMFA.
41. Tivvaluta d-dispożizzjonijiet transfruntiera eżistenti tal-AVMSD, biex tiżgura l-infurzar effettiv tar-regoli tal-AVMSD fis-suq intern, b'mod partikolari fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi ta' pajjiżi terzi, filwaqt li tqis l-iżviluppi tas-suq.
42. Tevalwa l-applikazzjoni fil-prattika tal-mekkaniżmi transfruntiera previsti mid-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku fir-rigward tas-servizzi tal-VSP, waqt li tirrispetta l-importanza tal-prinċipju tal-pajjiż tal-oriġini bħala regola fil-qalba tas-suq intern, kif ukoll tqis il-ħtieġa għall-UE li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-minorenni u tirrispetta u tippromwovi l-pluraliżmu tal-media u d-diversità kulturali.

#### JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI:

43. Jibqgħu jikkooperaw b'mod attiv u jiskambjaw prattiki tajba bil-ħsieb li jsolvu problemi speċifiċi f'każi jiet transfruntiera.

---

<sup>13</sup> Report on the implementation and cross-border enforcement of the European legal framework for digital and audiovisual media services (Sottogrupp 4 tal-ERGA, 2024, pp. 17-18); [The practical application and future of cross-border enforcement of media law](#) (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2023, p. 9).

**Referenzi**

***Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea***

- Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1);
- Id-Direttiva (UE) 2018/1808 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2010/13/UE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) fid-dawl ta' realtajiet tas-suq li qed jinbidlu (ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69–92);
- Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1-16);
- Ir-Regolament (UE) 2024/1083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) (ĠU L, 2024/1083, 17.04.2024);

- Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1);
- Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intellegjenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024);

### ***Il-Parlament Ewropew***

- Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Mejju 2023 dwar l-implementazzjoni tad-Direttiva riveduta dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ĠU C, C/2023/1062, 15.12.2023);

### ***Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea***

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-influwenzaturi bħala ġallieqa ta' kontenut online (ĠU C, 2024/3807, 23.7.2024);
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja ta' sistema tal-media ħiesa u pluralistika (ĠU C 422, 7.12.2020, p. 8);

## ***Il-Kummissjoni Ewropea***

- Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/13/UE "Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva" kif emedata mid-Direttiva (UE) 2018/1808, għall-perjodu 2019-2022 (SWD (2024) 4 final);
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Media tal-Ewropa fid-Deċennju Dijitali: Pjan ta' Azzjoni li jappoġġa l-Irkupru u t-Trasformazzjoni (COM (2020) 784 final);
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Deċennju Dijitali għat-tfal u ż-żgħażaq: l-istratxija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+) (COM/2022/212 final);
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji gwida dwar l-applikazzjoni prattika tal-kriterju ta' funzjonalità essenzjali tad-definizzjoni ta' "servizz ta' pjattaforma ta' video-sharing" skont id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ĠU C 223, 7.7.2020, p. 3);
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Linji gwida skont l-Artikolu 33a(3) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva dwar il-kamp ta' applikazzjoni tar-rapporti tal-Istati Membri rigward il-miżuri għall-promozzjoni u għall-iżvilupp ta' ħiliet fil-litteriżmu fil-media (ĠU C 66, 23.2.2023, p. 3);

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, L-indirizzar tad-diżinformazzjoni online: Approċċ Ewropew, (COM (2018) 236 final);
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajjnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (GBER) (ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1-78) *L-aħħar aġġornament: 1 ta' Lulju 2023;*

### ***Il-Kunsill tal-Ewropa***

- Guidance Note on countering the spread of online mis- and disinformation through fact-checking and platform design solutions in a human rights compliant manner, il-Kumitat ta' Tmexxija għall-Media u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (CDMSI) tal-Kunsill tal-Ewropa fl-24 laqgħa tiegħu, mid-29 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru 2023;

### ***L-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew***

- The protection of minors on VSPs: age verification and parental control, OAE 2024;
- AVMSDigest Safe screens: protecting minors online, OAE 2024;
- Mapping of national rules applicable to video-sharing platforms: Illegal and harmful content online, OAE 2022;
- Mapping report on the rules applicable to video-sharing platforms – Focus on commercial communications, OAE 2022;
- New actors and risks in online advertising, OAE 2022;
- IRIS Special 2023-1: Public interest content on audiovisual platforms: access and findability, OAE 2023;
- Media literacy and the empowerment of users, OAE 2024;

## ***L-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali***

- Guidelines for Effective Media Literacy Initiatives, EDMO 2024;

## ***Il-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ERGA)***

- ERGA's views on the future priorities for media policy (ERGA, 2024);
- Report vloggers 1 - Analysis and recommendations concerning the regulation of vloggers (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2021);
- Report vloggers 2 - How to identify and localise vloggers and regulate their commercial communication (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2022);
- Learning from the practical experiences of NRAs in the regulation of vloggers (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2023);
- The implementation(s) of article 28b of the AVMSD: national transposition approaches and measures by video-sharing platforms (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2022);
- Overview document on the exchange of best practices regarding Arts. 7a and 7b of the AVMSD, (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2021);
- The practical application and future of cross-border enforcement of media law (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2023);
- Report on the implementation and cross-border enforcement of the European legal framework for digital and audiovisual media services (Sottogrupp 4 tal-ERGA, 2024);
- Report on ERGA MoU implementation in 2024 and its 4 years of functioning (Sottogrupp 1 tal-ERGA, 2025);

## *Oħrajn*

- Il-Kodiċi ta' Prattika tal-2022 dwar id-Diżinformazzjoni:  
<https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/policies/code-practice-disinformation>;
- Rapporti nazzjonali dwar miżuri ta' litteriżmu fil-media f'konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva 2020-2022;